MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 597/1996/1

**Antonia Sultana**

**vs**

**Carmelo, Horace sive Grezzju u Charles, ahwa Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Frar 1996 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet:

Li gie kommess spoll vjolenti u klandestin mill-konvenuti u dan b'dannu u kontra r-rieda tal-attrici, liema spoll jikkonsisti fil-fatt li l-istess konvenuti bnew fuq art li fuqha l-attrici ghandha dritt ta' servitu ta' tieqa, u dan mill-fond taghha 167 Raymond Caruana Street, Gudja, u dan minghajr ma zammew id-distanza minima ta' ghaxar piedi mill-istess tieqa;

Li minn meta gie kommess dan l-ispoll sal-presentata ta' din ic-citazzjoni m'ghaddewx xahrejn;
Li minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm reintegrazzjoni ghall-istat antecedenti mill-konvenuti;

Talbet li din il-Qorti:

(1) tiddikjara li l-fatt li l-istess konvenuti bnew fuq art li fuqha l-attrici ghandha dritt ta' servitu` ta' tieqa, u dan mill-fond taghha 167 Raymond Caruana Street, Gudja, u dan minghajr ma zammew id-distanza minima ta' ghaxar piedi mill-istess tieqa kontra r-rieda tal-attrici jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandistin;
(2) tikkundanna lill-konvenuti li fi zmien qasir u perentorju jirreintegra lill-attrici fl-istat antecedenti ghall-istess spoll;
(3) fin-nuqqas li dan isir, tawtorizza li l-istess reintegrazzjoni ssir mill-attrici u dan bi spejjez tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-attrici;

Rat id-digriet tal-31 ta' Jannar 1997 li permezz tieghu gie ordnat l-isfilz tan-nota ta' eccezzjonijiet ipprezentata fil-11 ta' Lulju 1996 sabiex ic-citazzjoni tigi notifikata lill-konvenuti Carmelo u Charles, ahwa Camilleri, u inoltre l-konvenut Horace sive Grezzju Camilleri gie dikjarat kontumaci u awtorizzat li jaghmel nota ta' sottomissjonijiet skond is-subartikolu (10) ta' l-artikolu 158 tal-Kap. 12 sabiex jiddefendi ruhu kontra t-talbiet attrici;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Camilleri pprezentat fit-28 ta' Frar 1997 fejn qal:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija perenta stante li ghaddw aktar minn xahrejn minn meta sar l-allegat spoll sal-prezentata tac-citazzjoni.
2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma gie kommess l-ebda spoll, vjolenti jew klandestin in kwantu l-illuminazzjoni naturali li tidhol mit-

tieqa ta' l-attrici ma gietx mnaqqsa bl-ebda mod mix-xogholijiet ezegwiti mill-konvenuti. Ghalhekk d-dritt ta' servitu tat-tieqa li tinsab fil-fond ta' l-attrici ma gie mnaqqsa bl-ebda mod koncepibbli fattwalment jew legalment.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-7 ta' April 1997 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Albert Fenech sabiex jirrapporta dwar in-natura teknika tal-kaz;

Rat ir-relazzjoni tieghu minnu mahlufa fit-3 ta' Novembru 1999;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed tezercita l-azzjoni ta' spoll ikkontemplata mill-artikolu 535 tal-Kodici Civili. Sabiex tirnexxi din l-azzjoni, hemm tliet elementi jew rekwiziti illi jridu jirrizultaw ippruvati: (1) il-pussess jew detenzjoni, (2) il-fatt ta' l-ispoll u (3) illi l-azzjoni giet istitwita fi zmien xahrejn minn meta gie kommess l-ispoll.

Proprju l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmelo Camilleri hi fis-sens illi l-azzjoni attrici hi perenta stante li ghaddew aktar minn xahrejn minn meta sar l-allegat spoll sal-prezentata tac-citazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti sejra l-ewwel tezamina jekk din l-eccezzjoni hijiex gustifikata jew le.

L-attrici xehdet li l-konvenuti bdew jaghmlu x-xoghol ta' bini fil-fond taghhom fis-6 ta' Jannar 1996. L-ghada (il-Hadd) cemplet lill-Perit Karmenu Vella biex jara d-distanza li thalliet quddiem it-tieqa tal-kcina. It-Tnejn il-

Perit ittawwal min-naha fejn kien qed isir il-bini u sa dak inhar kien kollox sewwa ghax ma kinitx ittellghet il-kamra z-zghira fuq wara. L-Erbgha 10 ta' Jannar tellghu l-hajt, il-Hamis nizlet tkellem lill-konvenuti izda kellmuha hazin u l-kamra tellghuha kollha. Ghalhekk hija marret ghand l-avukat taghha.

Carmelo Camilleri xehed li hu u hutu bdew jibnu l-hitan fl-ahhar ta' Ottubru 1995 u spiccaw ix-xoghol li kellhom jaghmlu fl-ewwel gimgha ta' Dicembru, dan b'referenza ghal garage u toilet fuq in-naha ta' wara tal-pjanterren u li jinsab faccata tat-tieqa in kwistjoni, peress illi l-ewwel sular bdewh wara xi xahar.

Horace Camilleri xehed li hu u hutu bdew jibnu l-maisonette fuq in-naha ta' fuq ghall-habta ta' Frar 1995 u wara li lestewh ghall-habta ta' Awissu 1995 bdew jibnu l-garages fuq in-naha t'isfel li ghall-bidu ta' Dicembru 1995 kienu ga` gew imsaqqfa. Mistoqsi in kontro-ezami jekk hux cert li bdw f'Awissu meta huh Carmelo kien qal f'Ottubru, wiegeb li biex bdew jaghmlu l-pedamenti tal-garages gabu l-gebel meta kien ghadu s-sajf u jahseb li kien f'Awissu ghax kienet is-shana ta' Awissu u mhux ta' Ottubru, izda t-tisqif tal-garages kien tlesta sa Dicembru 1995 u l-kamra ta' wara l-garage li tigi faccata tat-tieqa ta' l-attrici nbniet flimkien mal-garages. Qal ukoll li l-Perit Vella kien mar fuq il-post meta x-xoghol fil-pjanterren kien lest u kienu qeghdin jaghmlu xoghol fl-ewwel sular u kellimhom fuq il-hajt ta' l-appogg. Zied jghid li l-attrici marret tkellimhom ghal nofs Dicembru meta kienu diga` lestew il-pjanterren u kienu bdew l-ewwel sular.

Sandro Sciberras, li jahdem bhala beenj part-time, qal li beda jahdem fuq pedamenti li sab lesti f'Awissu 1995 u beda jtella' l-hitan tal-pjanterren u saqqaf. Sal-festa tal-Kuncizzjoni tal-1995 ix-xoghol kien lest. Il-hitan tal-kamra ta' wara l-garage nbnew mill-konvenuti u hu saqqafha.

Il-Perit Karmenu Vella xehed li l-attrici kienet inkarigatu biex jispezzjona l-fond taghha ghaliex kellha lment li kienu ser jibnu appogg mad-dar taghha u kienu ser jaghlqu l-arja ta' tieqa mill-kcina taghha ghall-gnien tal-fond

adjacenti. Huwa acceda fil-fond taghha izda mhux fil-fond tal-konvenuti ghaliex ma kinux hemm. Kif kienu ghadhom kemm bdew ix-xoghol tal-pedamenti, rega' mar fuq il-post u acceda fil-fond taghhom u qalilhom li, skond il-ligi, l-arja ta' dik it-tieqa ma tistax titnehha. Qal li sussegwentement kienet regghet cemplitlu l-attrici u qaltlu li kienu bnew kamra li llimitatilha l-arja tat-tieqa. L-ewwel darba li kien mar fuq il-post kien is-sajf.

Evidentement hemm diskrepanzi sostanzjali fix-xiehda moghtija. Hekk, filwaqt li Horace Camilleri jghid li l-Perit Vella mar fuq il-post meta kienu qeghdin jibnu l-ewwel sular, il-Perit Vella jghid li mar meta kienu ghadhom kemm bdew ix-xoghol tal-pedamenti. Il-Perit Vella jghid li meta mar kien is-sajf filwaqt li l-attrici tghid li mar f'Jannar. Carmelo Camilleri jghid li spiccaw fil-bidu ta' Dicembru u bdew fuq l-ewwel sular xi xahar wara filwaqt li Horace Camilleri jghid li l-attrici marret tkellimhom f'nofs Dicembru meta kienu diga` bdew fuq l-ewwel sular.

Carmelo Camilleri, Horace Camilleri u Sandro Sciberras pero` jaqblu li x-xoghol faccata tat-tieqa ta' l-attrici kien lest fil-bidu ta' Dicembru. Interessanti hu fil-fatt kif Carmelo Camilleri jorbot dan il-fatt ma' data partikolari, Jum ir-Repubblika, u jghid li cert li sa dakinhar ix-xoghol kien ga` ilu lest xi gimgha, filwaqt illi Sandro Sciberras jghid li kien lesta sal-festa tal-Kuncizzjoni ghax hu Bormliz u f'Dicembru dejjem jieqaf mix-xoghol ghal hmistax-il gurnata. Kwantu ghall-attrici, huwa minnu li esebiet kopja fotostatika minn xi djarju ta' notamenti li xehdet li kienet tiehu meta nqalghet il-kwistjoni, izda lanqas il-Perit taghha stess ma kkorrobora dak li xehdet hi dwar meta mar fuq il-post. Ghalhekk din il-Qorti sejra jkollha tqis aktar verosimili dak li xehdu l-ahwa Camilleri u Sandro Sciberras dwar meta sar ix-xoghol li minnu lmentat l-attrici.

It-terminu ta' xahrejn stabbilit mill-artikolu 535 tal-Kodici Civili huwa wiehed ta' dekadenza u jibda jiddekorri mid-data minn mindu l-attrici attwalment u fizikament giet allegatament spoljata mill-pussess minnha pretiz. Billi c-

citazzjoni giet intavolata fit-22 ta' Frar 1996, dan ifisser li l-azzjoni attrici saret wara z-zmien rikjest mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmelo Camilleri u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez, salv dawk relattivi ghall-konvenuti Horace sive Grezzju u Charles, ahwa Camilleri li ghandhom jigu sopportati minnhom stess, kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------